MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 437/2013

**FGL Entertainment Limited**
**C 41655**
**Vs**
**Johan Grech**
**ID No. 323578M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Lulju 2013 illi l-intimat akkwista minghand is-socjeta' attrici merkanzija, liema merkanzija giet ikkonsenjata lilu;

Illi l-konvenut naqas milli jhallas il-bilanc ta' sitt mija u hmistax-il ewro u disgha u sittin centezmu (€615.69) dovut minnu ghall-prezz tal-merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata;

Illi nonstante l-fatt li l-konvenut kien interpellat diversi drabi sabiex ihallas huwa baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, is-socjeta’ attrici qieghda titlob lil dana it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ sitt mija u hmistax-il ewro u disgha u sittin centezmu

(€615.69) oltre l-imghax dovut sad-data tal-pagament effettiv.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.
Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u hmistax-il ewro u disgha u sittin centezmu (€615.69) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.
L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------